# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI TAL-FAMILJA

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 24 ta' Ġunju 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 14/2022 BS**

**AA u BB**

**-vs-**

**X**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors konġunt ġuramentat ta' AA u BB illi ppremettew:**

Illi l-partijiet iżżewġu fil-ħmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) fil-Bażilika ta' Marija Bambina fix-Xagħra, Għawdex u ż-Żwieġ tagħhom jinsab reġistrat permezz taċ-Ċertifikat tat-Twelid Numru 175/2012, kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata bħala Dok A;

Illi minn dan iż-żwieġ ma twieldu l-ebda wlied;

Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani tas-sitta u

għoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014), kopja liema kuntratt qiegħda tiġi hawn anness u mmarkata bħala Dok. B;

Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi dawn ilhom jgħixu b'mod separat minn xulxin għal aktar minn tmien (8) snin, u llum il-ġurnata għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut li għandu x'jitħallas minn xi parti lill-parti l-oħra;

Illi għalhekk jiġi dikjarat li l-partijiet m'għandhom l-ebda pretensjoni kwalsiasi fil-konfront ta' xulxin inkluż ebda ħlas ta' manteniment;

Illi r-rikorrenti jixtiequ jipprevalixxi ruħhom mid-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 66B et seq. tal-Kap. XVI tal-Liġijiet ta' Malta u jitolbu li jiġi ppronunzjat id-divorzju bejniethom;

Illi l-partijiet t-tnejn jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 66N tal-Kap. XVI tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-esponenti jafu dawn il-fatti kollha personalment;

**Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tiddikjara bħala maħlul iż-żwieġ iċċelebrat bejniethom fil-ħmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012);

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien qasir prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-deċiżjoni tal-Qorti ai termini tal-Artikolu 66A (4) tal-Kodiċi Ċivili.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tinnota li r-rikors ġuramentat ippreżentat huwa wieħed li sar mill-partijiet konġuntivament.

Permezz ta' dan ir-rikors il-partijiet debitament jiddikjaraw illi huma żżewġu fil-15 ta' Setembru, 2012. Jgħidu illi minn dan iż-żwieġ ma kellhomx ulied. Jgħidu wkoll illi sseparaw b'kuntratt ta' separazzjoni li jġib id-data 26 ta' Settembru, 2014.

Bil-ġurament tagħhom jikkonfermaw ukoll li ma hemm l-ebda prospett ta' rikonċiljazzjoni u li ma hu dovut l-ebda manteniment.

Il-Qorti rat l-Artikoli 66A et seq tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jirriżulta għalhekk illi l-partijiet rnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha meħtieġa mil-Liġi sabiex iż-żwieġ jiġi maħlul.

**Decide.**

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

Tilqa' t-talbiet kollha u filwaqt li tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien xahar mil-lum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż ta' din il-kawża jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur